FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-28 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
VS
MARK DIMECH
WAYNE FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mark Dimech ta' 19 il-sena bin Peter u Jacqueline nee Bugeja, imwieled Pieta nhar il-11 ta' Jannar 1982 u resdienti Entratura F, flat 4, Binja Vista, Triq Dun Mauro inguanez, B'Kara detentur ta' karta tal-identita numru 71282M u Wayne Falzon ta' 16 il-sena, bin Rafael u Miriam nee Dalli, imwieled Pieta nhar it-30 ta' Lulju 1985 u residenti 129, Triq Salvu Psaila B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 387585M talli fil-Floriana nhar it-28 ta' Dicmbru 2001 ghal-habta tal-hamsa ta  wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' flus, u oggetti ohra mis-City Gate Ticket Kiosk liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000)  u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-Awtorita ta' Trasport Pubbliku.

Talli fl-istess ,data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Salvatore Vassallo u kontra l-volonta tieghu liema persuna arestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mheda bil-mewt.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huma kienu qeghdin jaghmlu delit kontra persuna, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Talli fl-sitess, data, lok, hin u crikostanzi, kellhom fil-pussess taghhom jew kontroll taghhom, jew f'idejhom jw fuqhom xi arma tan-nar jew minuzzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess data, f'Bormla, f'xi hin wara nofs inhar ikkommettew serq ta' pjanci ta' numri tar-registrazzjoni tal-vettura FAD-109 liema serq ikkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Saviour Xuereb minn Haz-Zabar.

Lil Mark Dimech wahdu talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer saq mutur ta' l-ghamla Gilera bin-numru tar-registrazzjoni ITU-180, minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskju ta' terzi persuni, u dan kollu ai termini tal-artikolu 3, tal-kap 104, tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawnil-gzejjer saq dan mutur b'mod eccessiv u perikoluz.

Talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' setnenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15 ta' Ottubru 2001.

Talli kiser il-provediment tal-artikolu 5 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 7 ta' Lulju 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Tali huwa sar ricediv b'diversi sentenzi diversament preseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputati.

Rat il-verbal tat-30 t'April 2002 fejn l-imputat Falzon ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat Dimech ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat l-imputat tas-27 ta' Frar 2002 fejn l-imputat Falzon ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat Dimech ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza.
Fil-konfront ta' Wayne Falzon wara li rat Art 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 278, 279(b), 280, 271, 281 tal-kap 9, Art 28G kap 9, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u in oltre tqeghdu taht supervision suspended order ghal perjodu fuq indikat taht is-supervizzjoni tal-probation officer Carmen Nygaard.

Fil-konfront ta' Mark Dimech wara li rat Art 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 277, 278, 279, 280, 271, 281, 289, 49, 50, 17B,

20, 28A-28H, 22 u 23 tal-kap 9, Art 3, 20, 22, 23 tal-kap 104, Art 15(1)(2)(3), u 18 tal-kap 65 u Avviz Legali 128/94, u Art 2, 3, 9, 19, 26 u 27 tal-kap 66, tikkundannah ghal 14 il-xahar prigunerija filwaqt li tirrendi operattiva is-sentenza sospiza tal-15 t'Ottubru 2001 u tikkundannah ghal xahar iehor prigunerija. Illi in oltre tissospendi il-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. Illi mill-15 il-xahar prigunerija moghtija f'din is-sentenza ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv. Tirrakomanda lil probation officer Carmen Nygaard biex issegwi l-andament tal-imputat Dimech.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.